# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 30 ta' Settembru 2024**

**Rik. Gur.Nru.:256 /2024 JPG**
**Kawza nru.: 10**

**DC**
**Vs**
**JC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' DC datat 20 ta' Mejju 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewġu nhar il-wiehed u tletin ta' Marzu, tas-sena elfejn u tlettax (31.03.2013), gewwa Oratorju Qalb ta' Gesu, il-Mosta u l-istess żwieġ ġie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv;*

2. *Illi mill-istess żwieġ ma tweldux ulied;*

3. *Illi l-partijiet infirdu minn xulxin b'kuntratt iffirmat quddiem in-Nutar Pubbliku fil-21 ta' Gunju, tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (21.06.2022) (kuntratt anness u mmarkat 'Dok A') wara li gew debitament awtorizzati;*

4. *Illi ma hemm l-ebda pendenza bejn il-partijiet u ma hemm l-ebda taghma ta' rikonċiljazzjoni bejniethom;*

5. *Illi l-partijiet ma għexux flimkien sa mis-sena elfejn u tnejn u ghoxrin u ma hemm ebda prospett ragonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;*

6. *Illi jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mill-liġi għall-ħall taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijiet;*

7. *Illi ir-rikorrenti tixtieq biss tirritorna għal konjomha xebba u tirritorna għal kunjom Abela*

*GĦALDAQSTANT, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti:*

(i) *Tiddikjara ż-żwieġ ta' bejn il-partijiet maħlul u tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet għall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;*

(ii) *Tiddikjara illi ir-rikorrenti tirritorna lura ghal kunjoma xebba, "Abela".*

(iii) *Tordna lir-Reġistru tal-Qorti sabiex fiż-żmien hekk prefiss mill Onorabbli Qorti javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex jiġi reġistrat;*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-Intimat datata 7 ta' Awwissu 2024, a fol 15 et seqq., li taqra hekk:

> *1.Illi l-esponenti ma jopponix ghat-talbiet imressqa mir-rikorrenti ghal pronunzjament ta' divorzju bejn il-partijiet, u ghall-hall taz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet fl-31 ta' Marzu 2013 gewwa Oratorju Qalb ta' Gesu', il-Mosta,b'dan illi huwa m'ghandux jbati l-ispejjez tal-proceduri odjerni.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet (vide xhieda  fol 22)** bil-gurament u kkonfermat illi il-partijiet izzewgu nhar l-31 ta' Marzu 2013 u li minn dan iz-zwieg ma kellhomx ulied. Iddikjarat illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 21 ta' Gunju 2022 fl-atti tan-Nutar Dr Fiona Zammit Armeni.. Di piu', ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimat xehed** permezz ta' affidavit (a Fol 20) u kkonferma il-kontenut tar-rikors promotur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-***

*ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-31 ta' Marzu 2013 liema zwieg jgib certifikat numru 451/2013 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 23 ). Minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni

konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Fiona Zammit Armeni nhar il-21 ta' Gunju 2022 (Vide fol 3 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 451/2013 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu', tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' 'A' u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**